# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 7/2020: **GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) V. KURT BULLOCK (KI. 72689M)**

(ID-DISKREZZJONI TAL-QRATI INFERJURI ILLI F'KAZ LI MA TIGIX IPPRUVATA T-TALBA ATTRICI JIDDECIEDU DWAR JEDD IEHOR GHAD LI DAN MA JKUNX JIDHOL SEWWA FIT-TALBA ORIGINALI – AZZJONI IBBAZATA FUQ ID-DRITT TA' RIVALSA LI ASSIGURATUR JISTA' JKOLLU OPE LEGIS TAHT L-ART. 12(1) TAL-KAP. 104 VIS-A-VIS PERSUNA LI GĦAD LI JKUN KOPERT MILL-POLZA MA JKUNX IL-POLICYHOLDER LI JKUN DAHAL FIL-FTEHIM TA' ASSIGURAZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**12 ta' Ġunju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GasanMamo Insurance Limited[1] ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fit-8 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu talbet lil Kurt Bullock ("l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid l-għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

thallas lis-socjetá rikorrenti is-somma ta' tmient' elf disa' mija u sebgha u sebghin Euro u hames centezmi (€8,977.05) rapprezentanti danni, spejjez u imghax imhallsa mir-rikorrenti ghan-nom tieghek u dana kif kienet obbligata illi taghmel ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in segwitu ta' Decizjoni moghtija mic-Centru Malti tal-Arbitragg datata 17 ta' Gunju 2019 fl-ismijiet **"Martin Debattista u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2019 assumiet l-atti minfloku, Cecilia maghrufa bhala Celia Bartolo vs Kurt Bullock [Arbitragg Numru**

[1] Fol 1

**M3187/2012/LD]"** liema decizjoni kienet tikkoncerna incident awtomobilistiku illi sehh fl-24 ta' Dicembru 2011 f' The Strand, Sliema meta inti Kurt Bullock kont qieghed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBH 837 u li fir-rigward ta' liema vettura is-socjeta' rikorrenti kienet harget polza ta' asskurazzjoni bin-numru L4620 0325691. It-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-polza tal-assikurazzjoni ma gewx osservati da parti tieghek stante illi fid-data tal-incident inti kont qieghed fi stat ta' intossikazzjoni u sahansitra irrifjutajt illi taghmel *breathalyser test* u dan bi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 14 ta' Ottubru 2019, u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Ottubru 2019 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li inti minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-intimat[2] ppreżentata fit-13 ta' Frar 2020[3] li permezz tagħha laqa' għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimat ma ghamel xejn li setghet twassal ghal xi ksur tal-polza ta' assikurazzjoni mahruga favurih mis-socjeta attrici.
ii. Mhux minnu illi l-intimat kien qed isuq fi stat ta' intossikazzjoni u infatti ghalkemm l-incident in mertu li sehh fit-24 ta Dicembru 2011 kien wassal ghall-intervent tal-pulizija ma nhargu ebda akkuzi fil-konfront tal-intimat.
iii. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom:

- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Cynthia Galea,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Fatti fil-qosor*

1. Fl-24 ta' Diċembru 2011 seħħ inċident stradali f' The Strand, Sliema, fejn l-intimat, li kien qed isuq il-vettura tal-għamla Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni CBH 837, proprjetà ta' ċertu Lee Bullock, baqa' dieħel fil-vettura tal-għamla Smart Passion bin-numru ta' reġistrazzjoni CBO 234 misjuqa minn ċertu Celia (Cecilia) Debattista, li bid-daqqa ġiet imbuttata għal fuq il-vettura tal-għamla Toyota IQ bin-numru ta'

[2] Fol 7
[3] Fol 99

reġistrazzjoni DBQ 671 misjuqa minn ċertu Manolo Dingli. L-intimat baqa' dieħel ukoll f'vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HUE 111 li kienet ipparkjata. F'dan l-inċident apparti li kien hemm min sofra ġrieħi gravi, *inter alia* ġew kaġunati danni estensivi lill-vettura Smart Passion bin-numru ta' reġistrazzjoni CBO 234, misjuqa minn Celia (Cecilia) Debattista u li kienet tappartjeni lil ċertu Martin Debattista ("it-terz danneġġjat").

2. Fil-ġurnata tal-inċident l-intimat kien *authorised driver* taħt polza tal-assigurazzjoni tat-tip *Third Party Fire and Theft* maħruġa mill-kumpanija rikorrenti lil ċertu Lee Bullock għall-użu tal-vettura in kwistjoni.

3. Fuq il-post tal-inċident marret WPS 215 Valerie Farrugia li xammet riħa qawwija ta' alkohol ġejja mill-intimat. Kien għalhekk illi huwa ġie mistoqsi sabiex jagħmel it-test tal-*breathalyser*, liema test però huwa rrifjuta li jagħmel.

4. Wara li fis-16 ta' Frar 2012 ġiet ippreżentata ittra uffiċjali mit-terz danneġġjat kontra l-intimat u kontra l-kumpanija rikorrenti għall-ħlas tad-danni sofferti minnu fl-ammont ta' € 5,551[4], it-terz fetaħ kawża fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ (Nru. M 3187/2012) kontra l-intimat. Fit-30 ta' Lulju 2012 ir-rikorrenti bagħtet ittra bonarja lill-assigurat tagħha Lee Bullock[5] sabiex tinfurmah bil-fatt li kienet infetħet kawża kontra l-intimat u li d-danni sofferti mit-terz ma kienux koperti mill-polza minħabba ksur kuntrattwali ta' waħda mill-kundizzjonijiet (ossia dik illi s-sewwieq kien taħt l-influwenza tax-xorb). Għalhekk ir-rikorrenti ssuġġeriet lill-assigurat tagħha sabiex jew jaħtar avukat biex jiddefendih jew inkella jipprova jasal fi ftehim direttament mat-terz jew l-assiguratur tiegħu.

5. Permezz tal-lodo arbitrali li ngħata fis-17 ta' Ġunju 2019[6] ġie deċiż illi l-inċident in kwistjoni seħħ b'tort imputabbli unikament lill-intimat li ġie kkundannat iħallas lit-terz danneġġjat[7] is-somma ta' ħames elef euro (€ 5,000) flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax legali b'effett mis-17 ta' Lulju 2012 sal-ġurnata tal-effettiva pagament.

---

[4] Fol 54
[5] Fol 57
[6] Fol 61-80
[7] Fil-proċeduri tal-arbitraġġ Celia (Cecilia) Debattista assumiet l-atti minflok Martin Debattista. Għall-finijiet ta' din is-sentenza l-istess Celia (Cecilia) Debattista qed tkun magħrufa bħala "it-terz danneġġjat")

6. Il-*lodo* ma ġiex appellat u fit-23 ta' Lulju 2019 ir-rikorrenti ħallset dak dovut minnha skond il-liġi lit-terz danneġġjat ai termini tal-Art. 10(1) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe is-somma ta' <u>**€ 8,977.05**</u> konsistenti fid-danni likwidati mill-Arbitru, imgħaxijiet u spejjeż[8].

7. Tajjeb jingħad għalhekk illi għalkemm matul il-proċeduri arbitrali l-intimat ikkontesta bis-sħiħ ir-responsabiltà tal-inċident illum il-ġurnata m'huwiex kuntestat illi dan seħħ unikament b'tort tal-intimat.

8. Ir-rikorrenti fetħet din il-kawża kontra l-intimat għaliex skond hi dan kiser it-termini u kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni stante illi fid-data tal-inċident kien fi stat ta' intossikazzjoni. L-intimat qed jiċħad il-pretensjonijiet tar-rikorrent għaliex skond hu mhux vera illi huwa kien qed isuq fi stat ta' sokor tant illi l-Pulizija ma ħadet l-ebda azzjoni fil-Qorti kontrih u għalhekk ma għamel xejn sabiex wassal għal ksur tal-polza tal-assigurazzjoni.

*Kunsiderazzjonijiet*

9. Qabel xejn il-Qorti ma tistax ma tqajjimx punt illi jidher li għal xi raġuni jew oħra sfuġġa lill-partijiet f'din il-kawża.

10. L-obbligu li kellha r-rikorrenti għall-ħlas lit-terz tad-danni sofferti minnha joħroġ mill-Art. 10(1) tal-Kap. 104 li jipprovdi hekk:

> '**10.(1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza <u>kontra persuna assigurata bil-polza,</u> dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta'flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu**.'

[8] Fol 84

11. Issa għalkemm is-sentenza tal-Arbitraġġ ma ġietx mogħtija fil-konfront tal-*policyholder* (ossia Lee Bullock) madanakollu bħala *authorised driver* l-intimat Kurt Bullock kien ukoll persuna assigurata bil-polza u kwindi appena l-intimat inkorra responsabiltà ċivili (*civil liability)* permezz tas-sentenza arbitrali r-rikorrenti kienet obbligata *ope legis* li tħallas lit-terz anke jekk hija kellha jew għandha d-dritt li tannulla l-polza minħabba ksur ta' waħda mill-kundizzjonijiet.

12. Li jidher li ħarab lill-partijiet huwa l-fatt illi minkejja li l-intimat bħala *authorised driver* kien igawdi mill-kopertura tal-polza (dejjem suġġett għall-kundizzjonijiet tagħha) madanakollu huwa ma kienx il-persuna li applika għaliha ossia l-*policyholder* u għalhekk ma kienx parti mill-kuntratt tal-assigurazzjoni in kwistjoni. Li jfisser dan illi strettament l-intimat ma jista' qatt jinstab responsabbli ċivilment li kiser il-kundizzjonijiet tal-polza u r-rikorrenti ma tistax titlob danni għal xi inadempjenza kuntrattwali min-naħa tal-intimat.

13. Dan ma jfissirx però illi l-azzjoni rikorrenti hija destinata li tfalli. Kif inhuwa ben magħruf din il-Qorti għandha d-diskrezzjoni illi ai termini tal-Art. 213 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li tqis li ma tkunx ġiet ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda tara li ġie ppruvat jedd ieħor (għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali), tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat.

14. Il-Qorti jidhrilha illi d-dritt li għandha r-rikorrenti f'din il-kawża mhuwiex ir-risarċiment tad-danni sofferti minnha minħabba l-inadempjenza kuntrattwali tal-intimat iżda huwa risarċiment li d-dritt tagħha għalih jirriżulta mill-liġi stess ossia' mill-Art. 12(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. F'dan ir-rigward tajjeb jsir aċċenn għad-diversi relazzjonijiet ġuridiċi li jinħolqu jew li jistgħu jinħolqu bejn il-partijiet b'riżultat ta' inċident awtomobilistiku, ossia:

    1. dik ibbażata fuq ħtija **<u>akwiljana/delittwali</u>** bejn it-terz danneġġjat (li naturalment tista' tkun ukoll kumpanija tal-assigurazzjoni li tkun ġiet surrogata fid-drittijiet tat-terz) u l-persuna responsabbli għad-danni. F'dan il-każ din ir-relazzjoni ġuridika ħarġet fil-beraħ fil-proċeduri tal-arbitraġġ fejn it-terz aġixxa direttament kontra l-intimat għad-danni li sofra minħabba t-traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' dan tal-aħħar;

2. dik ***ex-lege***, ibbażata fuq l-Art. 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta bejn it-terz danneġġjat u l-kumpanija tal-assigurazzjoni li kellha l-obbligu tar-risarċiment tad-danni (flimkien mal-imgħaxijiet u spejjeż) likwidati mill-arbitru. Fil-kawża in deżamina din ir-relazzjoni ħarġet fil-beraħ fit-18 ta' Ġunju 2019 meta ftit wara li t-terz danneġġjat ottjena favur tiegħu s-sentenza mill-arbitraġġ huwa bagħat ittra bonarja lir-rikorrenti sabiex tħallsu l-ammont ta' € 8,977.05 konsistenti fid-danni likwidati mill-Arbitru, imgħaxijiet u spejjeż;

3. dik ibbażata fuq id-dritt ta' **rivalsa** li kumpanija tal-assigurazzjoni jista' jkollha vis-a-vis l-assigurat tagħha bħala l-*policyholder* f'każ li jirriżulta li kien hemm **ksur tal-obbligi kuntrattwali** tal-polza min-naħa tal-assigurat. F'dan il-każ jiġi meqjus illi l-assigurat ma kienx kopert mill-polza u b'hekk l-assiguratur ikollu d-dritt għar-rimbors tal-ħlasijiet magħmulha minnu lit-terz. Dan id-dritt joħroġ ukoll mid-disposizzjonijiet tal-liġi ossia taħt l-Art. 12(1) tal-Kap. 104. Fil-każ *de quo* minkejja li setgħet kienet intitolata tagħmel hekk ir-rikorrenti ma aġixxietx kontra il-*policyholder* Lee Bullock iżda għażlet li ddur kontra l-intimata bħala l-persuna li kien qed isuq il-vettura;

4. dik mhux komuni daqs ir-relazzjonijiet l-oħra fuq imsemmija, applikabbli f'din il-kawża, ibbażata fuq id-dritt ta' **rivalsa** li kumpanija tal-assigurazzjoni jista' jkollha *ope legis* taħt l-Art. 12(1) tal-Kap. 104 vis-a-vis persuna li għad li jkun kopert mill-polza ma jkunx il-*policyholder* li jkun daħal fil-ftehim ta' assigurazzjoni.

16. L-artikolu 12(1) appena msemmi jipprovdi s-segwenti:

> **'12. (1) Meta ċertifikat ta' assigurazzjoni jiġi maħruġ taħt l-artikolu 4(4) lill-persuna li tkun ħadet il-polza, dak li fil-polza jkun qiegħed biex jirrestrinġi l-assigurazzjoni tal-persuna assigurata minn dik il-polza b'riferenza għal dawn il-ħwejjeġ li ġejjin:**
>
> **(a) <u>il-kondizzjoni tal-persuna li ssuq il-vettura</u>; jew**
> **(b) il-kondizzjoni tal-vettura; jew**
> **(ċ) in-numru tal-persuni li l-vettura tgħabbi; jew**
> **(d) il-piż jew il-karatteristiċi fiżiċi tal-merkanzija li l-vettura tgħabbi; jew**
> **(e) il-ħinijiet li fihom jew l-area li fiha l-vettura hija wżata; jew**
> **(f) il-forza (tal-makna) u l-valur tal-vettura; jew**

**(g) li l-vettura jkollha apparati partikolari; jew**
**(h) li l-vettura jkollha mezzi speċjali ta' identifikazzjoni barra mill-mezzi ta' identifikazzjoni li huma meħtieġa mill-liġijiet jew taħt il-liġijiet li jkunu jseħħu; jew**
**(i) il-kulur tal-vettura; jew**
**(j) l-età ta' min ikun qed isuq il-vettura,**

**m'għandu ebda effett dwar dawk ir-responsabbiltajiet li għandhom ikunu koperti mill-polza taħt l-artikolu 4(1):**

**Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jħallas somma minħabba r-responsabbiltà ta' persuna għal ħaġ'oħra ħlief biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabbiltà, <u>u kull somma mħallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f 'kollox jew f 'parti, ir-responsabbiltà ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna</u>.'**

17. Mid-diċitura ta' dan is-subartikolu huwa ċar illi d-dritt ta' rivalsa lill-assiguratur ma jingħatax lilu biss fil-konfront tal-*policyholder* (meta tali dritt jemanixxi ukoll *ex contractu*) iżda jispetta lilu ukoll fil-konfront ta' kwalsiasi persuna li jkun kopert bil-polza, li jkun ġie ddikjarat responsabbli għad-danni lit-terz u li għalih l-assiguratur ikun ħallas lit-terz danneġġjat bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu. Il-kliem "*bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu*" jalludu għall-fatt illi li kieku mhux għal dan is-subartikolu tal-liġi l-assiguratur ma kienx ikun tenut ikopri r-responsabbiltà ċivili tal-persuna koperta vis-a-vis it-terz proprju għaliex bl-aġir tiegħu tali persuna ikun tilef il-kopertura tiegħu abbażi ta' waħda jew iżjed mir-restrizzjonijiet elenkati taħt Art 12(1)(a) sa (j).

18. Hawnhekk *non si tratta* ta' ksur min-naħa tal-intimat ta' xi obbligu kuntrattwali tiegħu iżda ta' sitwazzjoni fejn f'kuntest ta' kuntratt li jinkludi *inter alia* obbligazzjonijiet (tal-assiguratur) unilaterali għall-benefiċċju tal-intimat, dan ikun aġixxa b'mod illi tkun avverat ruħha kundizzjoni tal-polza b'dan illi l-assiguratur ikollu d-dritt jinħall mill-obbligu unilaterali tiegħu lejn min altrimenti kien ikun tenut ikoprih.

19. Naturalment biex tirnexxi fl-azzjoni tagħha r-rikorrenti trid tipprova illi bl-aġir tal-intimat tkun avverat ruħha kundizzjoni bħal dik imsemmija fl-Art. 12(1) li inċidentalment fost ħwejjeġ oħra fis-subinċiż (a) tirreferi għar-restrizzjoni minħabba **<u>l-kundizzjoni</u>** tal-persuna li tkun qed ssuq il-vettura.

20. Il-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni kellha fost affarijiet oħra l-kundizzjoni segwenti taħt is-sezzjoni tal-General Exceptions[9]:

> **'Your policy does not cover the following:**
>
> **1. Any accident, injury, loss or damage while any vehicle insured under this policy is being:**
>
> **... - driven by any person including you if at the time of driving the driver is under the influence of intoxicating liquor or drugs (other than drugs taken under medical supervision and not for the treatment of drug addiction).'**

21. Il-kumpanija rikorrenti għalhekk għandha l-*onus probandi* illi tipprova lill-Qorti fuq bilanċ ta' probabiltajiet illi l-intimat kien *"under the influence of intoxicating liquor"* fil-mument li ġara l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni.

22. Għalkemm la fil-polza u lanqas fil-liġi tagħna m'għandna definizzjoni ta' sewqan li jkun "*under the influence of intoxicating liquor"*, in omaġġ tal-prinċipju legali li l-obligazzjonijiet kuntrattwali għandhom jiġu interpretati u eżegwiti *in buona fede* huwa ċar illi b'dawk il-kliem wieħed jifhem illi persuna li jsuq f'dik il-qagħda jkollu l-kapaċità li jsuq sew imnaqqsa (*impairment*) u b'hekk ma jkunx f'kundizzjoni li jsuq.

23. Ir-rikorrenti qed tistrieħ fuq il-fatt li mir-rapport tal-Pulizija[10] rriżulta illi meta marret fuq il-post tal-inċident **WPS 215 Valerie Farrugia** (illum PS 2215 Valerie Mifsud) din xammet riħa qawwija ta' alkohol ġejja mill-intimat u meta ġie mistoqsi sabiex jagħmel it-test tal-*breathalyser*, dan irrifjuta li jagħmlu. F'dan ir-rigward WPS 215 xehdet kemm quddiem l-Arbitru u kemm quddiem din il-Qorti fejn xi ftit jew wisq ikkonfermat dak miktub minnha fir-rapport. Fix-xhieda mogħtija quddiem l-Arbitru hija spjegat ukoll illi qabel ma rrifjuta li jiġi amministrat it-test hija kienet spjegat lill-intimat il-konsegwenzi kriminali ta' dan ir-rifjut.[11] L-istess qalet quddiem il-Qorti fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2020.[12]

---

[9] Fol 53
[10] Fol 95-105
[11] Fol 75
[12] Fol 93

24. L-intimat min-naħa tiegħu qed jibbaża d-difiża tiegħu fuq il-fatt illi ma kien hemm l-ebda "ksur" tal-kundizzjonijiet tal-polza għaliex mhuwiex veru li kien qed isuq taħt l-effett tax-xorb tant li skond hu l-Pulizija Eżekuttiva ma ħadietx passi fil-konfront tiegħu. F'dan ir-rigward għalkemm ma xehedx quddiem din il-Qorti, fix-xhieda tiegħu quddiem l-Arbitru l-intimat sostna illi qabel ma' seħħ l-inċident huwa kien mar f'*bar/restaurant* u xorob birra waħda.

25. Quddiem din il-Qorti **PS 2215 Valerie Mifsud** spjegat fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2020 illi suppost il-Pulizija kellha toħroġ akkużi fil-konfront tal-intimat kif jirriżulta minn dik il-parti tar-rapport li tgħid li azzjoni fil-Qorti kienet rakkomandata.[13] Madanakollu peress illi fiż-żmien li kienet qed tixhed ma kienetx għadha stazzjonata fl-Għassa tas-Sliema hija ma setgħetx tikkonferma dan.[14] Fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021 l-istess xhud imbagħad xehdet illi minn riċerka li għamlet jidher illi l-fajl rilevanti (bin-numru 6PD-C-911-2011) kien reġistrat fuq l-Ispettur Jesmond Micallef però ma setgħetx tikkonferma jekk effettivament kienux ittieħdu passi kontra l-intimat. Spjegat madanakollu illi meta fittxet fic-*charge books* tal-Għassa tas-Sliema jidher illi hija stess kienet ħarġet akkużi fil-konfront tal-intimat però għal xi raġuni jew oħra dawn ġew ingassati u tniżżlet rimarka li l-akkużi *"ġew mgħoddija bħala kumpilazzjoni".*[15] Ma' kellha l-ebda informazzjoni dwar jekk effettivament kienetx inbdiet kumpilazzjoni fil-konfront tal-intimat.

26. Meta ttella' jixħed **l-Ispettur Jesmond Micallef** dan spjega illi huwa ma jafx bil-każ personalment u lanqas kien involut fil-każ. Ikkonferma ukoll illi qatt ma ħareġ akkużi kontra l-intimat.[16]

27. Din il-Qorti tqis illi verament ma jidhirx li qatt ittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-intimat u sinċerament tħossha preokkupata kif seta' jiġri dan speċjalment meta wieħed iqis li b'riżultat ta' dan l-inċident kien hemm min sofra ġrieħi gravi.

28. Ċio nonostante għalkemm huwa minnu illi l-Pulizija kellha l-poteri (u l-obbligu) *ex-officio* li tressaq l-intimat il-Qorti fost oħrajn b'akkużi ta' sewqan traskurat, bla kont jew perikoluż, b'sewqan f'kundizzjoni mhux tajba għas-sewqan minħabba xorb u

---

[13] Fol 104
[14] Fol 93
[15] Fol 117
[16] Fol 134

b'sewqan meta kellu proporzjon ta' alkohol fin-nifs iżjed mill-limitu preskritt., madanakollu I-fatt li m'għamlitx dan m'huwiex minnu nnifsu prova li l-intimat ma kienx qed isuq taħt l-effett tal-alkohol. Dan mhux l-anqas għaliex huwa prinċipju legali (ukoll misjub fil-liġi[17]) illi I-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin. Inoltre anke kieku għall-grazzja tal-argument ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra l-intimat u dan ġie liberat minnhom, dan il-fatt waħdu ma kienx ifisser li l-intimat kien ikun eżonerat minn danni ta' natura ċivili kemm il-darba dawn jirriżultaw. Dan għaliex l-oneru tal-prova fil-kamp penali huwa ferm iżjed oneruż minn dak rikjest fil-kamp ċivili peress illi jirrikjedi li l-Qorti mhux sempliċiment tkun temmen iżjed iva milli le illi l-imputat ikun ħati tar-reat iżda trid tkun moralment konvinta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li huwa hekk ħati.

29. Issa ai termini tal-Art. 15E(4) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'15E(4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:**
>
> **Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha'**

30. B'hekk, mill-punto di vista penali r-rifjut tal-intimat li jagħti kampjun tan-nifs ħoloq element ta' inferenza fejn fin-nuqqas ta' prova kontrarja għandu jiġi meqjus illi l-livell ta' alkohol fin-nifs kien jaqbeż il-limitu preskritt mil-liġi.

31. Fl-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jsir minn Qorti f'kull kawża jiġu applikati numru ta' prinċipji legali, kif sew spjegat mill-Imħallef Grazio Mercieca fil-ktieb tiegħu, "*Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras Proċedura Ċivili L-Ewwel Volum*"[18] Fost dawn il-prinċipji insibu:

- ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi li timponi a karigu tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu**.** Tali oneru hu ugwalment spartit bejn

[17] Art. 6 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta
[18] P. 498

il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatt favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipendo fit actor). Ara Kollez Vol. XLVI.i.5)

- Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista joxxilla minn parti għall-oħra, għax kif jingħad "jista' jkun stabilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta". (Kollez. Vol. XXXVII.I.577)

32. Il-Qorti tqis illi bil-provi li ressqet ir-rikorrenti jidher sew iżjed minn *prima facie* illi t-teżi tagħha li l-intimat kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb hija sostnuta kemm mill-fatt illi l-intimat kellu riħa qawwija ta' xorb u kemm mill-fatt illi huwa rrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs għall-finijiet tat-test tal-*breathalyser*. Kien jinkombi fuq l-intimat għalhekk illi tenut kont dawn il-provi mressqa mir-rikorrenti, jipprova jressaq provi illi jxejjnu l-pretensjoni tar-rikorrent (*reus in excipendo fit actor*).

33. Kull ma qal l-intimat però in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu li ma kienx qed isuq taħt l-effett tax-xorb kien illi (i) il-Pulizija ma ressqitux il-Qorti (xi ħaġa li kif ġa ngħad minnha nfusha ma tagħtix soljev lit-teżi tiegħu), u illi (ii) għalkemm huwa kien għadu kemm ġej minn *restaurant* huwa kien xorob biss birra waħda.

34. Meta tqabbel il-prova miġjuba mir-rikorrenti ma' dik imressqa mill-intimat il-Qorti ma ssib ebda diffikultà tgħid illi ssib l-verżjoni tar-rikorrenti ferm iżjed realistika u attendibbli.

35. Huwa għalhekk illi l-Qorti qegħda tqis illi għalkemm strettament ma jistax jingħad illi l-intimat kiser kundizzjoni kuntrattwali tal-polza (stante illi huwa ma kienx wieħed mill-partijiet għall-kuntratt), madanakollu jirriżulta illi bl-aġir tiegħu avverat ruħha kundizzjoni fil-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni li abbażi tagħha tilef il-benefiċċju ta' kopertura li altrimenti kien ikollu taħtha. Għalhekk darba r-rikorrenti kellha tħallas lit-terz danneġġjat għad-danni li sofra, issa hija għandha d-dritt taħt l-Art. 12(1) tal-Kap. 104 illi tieħu lura mill-intimat is-somma li ħallset.

**Deċiżjoni**

36. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat tiddisponi mit-talbiet tal-kumpanija rikorrenti billi:**

1. **tiddikjara illi bl-aġir tal-intimat fl-inċident awtomobilistiku tal-24 ta' Diċembru 2011 u ċioe peress illi kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tal-alkohol, avverat ruħha kundizzjoni fil-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni li abbażi tagħha l-istess intimat tilef il-benefiċċju ta' kopertura taħt dik il-polza,**

2. **tiddikjara illi għalhekk l-intimat huwa responsabbli ai termini tal-Art. 12(1) tal-Kap. 104 li jirrifondi lura lir-rikorrenti s-somma li hija ħallset lit-terz danneġġjat fl-ammont ta' tmient elef disa' mija seba' u sebgħin euro u ħames ċenteżmi (€ 8,977.05, konsistenti f'danni, spejjeż u imgħaxijiet) wara l-*lodo arbitrali* tas-17 ta' Ġunju 2019,**

3. **tikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż kif mitluba.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur